



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0215/2018**

22.6.2018

**\***

## **RAPPORT**

dwar il-proposta emendata għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2017)0706 – C8-0441/2017 – 2017/0248(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Roberts Zīle

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	28
PROCĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	29
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	30



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta emendata għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2017)0706 – C8-0441/2017 – 2017/0248(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2017)0706),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0441/2017),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0215/2018),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) Il-frodi tal-VAT hija ħafna drabi marbuta mal-kriminalità organizzata u numru żgħir ħafna ta' dawn in-netwerks organizzati jista' jkun responsabbli għal biljuni ta' euro fi frodi tal-VAT transfruntiera, li taffettwa mhux biss il-ġbir tad-dħul fl-Istati Membri iżda***

*għandha wkoll impatt negattiv fuq ir-  
riżorsi proprji tal-Unjoni. Għalhekk, l-  
Istati Membri għandhom responsabbiltà  
kondiviża biex jitħares id-dħul mill-VAT  
fl-Istati Membri kollha.*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Ta' spiss ikollhom jitwettqu inkjesti amministrattivi għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, b'mod partikolari meta l-persuna taxxabli ma tkunx stabbilita **fl-Istati Membri** fejn tkun trid titħallas it-taxxa. Biex jiġi żgurat l-infurzar xieraq tal-VAT **u biex jiġu evitati x-xogħol** doppju u **l-piż** amministrattiv **tal-awtoritajiet** tat-taxxa u tan-negozji, **meta mill-inqas żewġ Stati Membri jqisu li tkun meħtieġa** inkjesta amministrattiva fl-ammonti ddikjarati minn persuna taxxabli **mhux** stabbilita fit-territorju tagħhom iżda taxxabli fih, **jenħtieġ li l-inkjesta titwettaq mill-Istat Membru** fejn tkun stabbilita l-persuna taxxabli **u jenħtieġ li** l-Istati Membri li jitolbu din l-inkjesta jassistu lill-Istat Membru tal-istabiliment billi jieħdu sehem attiv fl-inkjesta.

##### *Emenda*

(2) Ta' spiss ikollhom jitwettqu inkjesti amministrattivi għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, b'mod partikolari meta l-persuna taxxabli ma tkunx stabbilita **fl-Istat Membru** fejn tkun trid titħallas it-taxxa. Biex jiġi żgurat l-infurzar xieraq tal-VAT, **jiġi evitat ix-xogħol** doppju u **jitnaqqas il-piż** amministrattiv **fuq l-awtoritajiet** tat-taxxa u tan-negozji, **jeħtieġ li titwettaq** inkjesta amministrattiva fl-ammonti ddikjarati minn persuna taxxabli **li mhijiex** stabbilita fit-territorju tagħhom iżda **hija** taxxabli fih. **L-Istat Membru** fejn tkun stabbilita l-persuna taxxabli **jkollu jwettaq l-inkjesta u l-Istat Membru jew** l-Istati Membri li jitolbu din l-inkjesta **jkollhom** jassistu lill-Istat Membru tal-istabiliment billi jieħdu sehem attiv fl-inkjesta.

## Emenda 3

### Proposta għal regolament

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Bil-għan li jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv u effiċjenti tal-VAT **fit-transazzjonijiet** transfruntiera, ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 jipprevedi l-preżenza ta' uffiċjali fl-uffiċċji amministrattivi u waqt l-inkjesti amministrattivi fi Stati Membri oħra. Biex

##### *Emenda*

(11) Bil-għan li jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv u effiċjenti tal-VAT **fit-tranżazzjonijiet** transfruntiera, ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 jipprevedi l-preżenza ta' uffiċjali fl-uffiċċji amministrattivi u waqt l-inkjesti amministrattivi fi Stati Membri oħra. Biex

tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tat-taxxa biex jivverifikaw il-provvisti transfruntiera, jenħtiegħ li jkun hemm awditi konġunti li jippermettu lill-uffiċjali minn żewġ Stati Membri jew aktar, jagħmlu parti minn tim wieħed ta' awditjar u li jieħdu sehem attiv f'inkjesta amministrattiva konġunta.

tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tat-taxxa ***billi jiġu provduti b'aktar riżorsi tekniċi u umani*** biex jivverifikaw il-provvisti transfruntiera, jenħtiegħ li jkun hemm awditi konġunti li jippermettu lill-uffiċjali minn żewġ Stati Membri jew aktar, jagħmlu parti minn tim wieħed ta' awditjar u li jieħdu sehem attiv f'inkjesta amministrattiva konġunta, ***fi spirtu kooperattiv u produttiv u skont it-termini miftehma mill-Istati Membri sabiex tiġi identifikata u miġġielda l-frodi tal-VAT transfruntiera li attwalment qed iddgħajjef il-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri.***

## Emenda 4

### Proposta għal regolament Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Biex jiġu miġġielda l-aktar skemi serji ta' frodi transfruntiera, jenħtiegħ li jiġu ċċarati u msaħħa l-governanza, il-kompiti u l-funzjonament tal-Eurofisc. Jenħtiegħ li l-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc ikunu jistgħu jaċċessaw, jiskambjaw, jipproċessaw u janalizzaw malajr l-informazzjoni kollha meħtieġa u jikkoordinaw kull azzjoni ta' segwitu. Huwa wkoll meħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra involuti fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' skambju ta' informazzjoni mmirata mal-Europol u mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi. Għalhekk, jenħtiegħ li l-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc ***ikunu jistgħu*** jikkondividu, spontanjament jew fuq talba, informazzjoni u għarfien mal-Europol u mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi. Dan jippermetti li l-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc jirċievu dejta u għarfien miżmuma mill-Europol u mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi sabiex jiġu identifikati dawk li

#### *Emenda*

(13) Biex jiġu miġġielda l-aktar skemi serji ta' frodi transfruntiera, jenħtiegħ li jiġu ċċarati u msaħħa l-governanza, il-kompiti u l-funzjonament tal-Eurofisc. Jenħtiegħ li l-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc ikunu jistgħu jaċċessaw, jiskambjaw, jipproċessaw u janalizzaw malajr l-informazzjoni kollha meħtieġa u jikkoordinaw kull azzjoni ta' segwitu. Huwa wkoll meħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra involuti fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' skambju ta' informazzjoni mmirata mal-Europol u mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi. Għalhekk, jenħtiegħ li l-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc jikkondividu, spontanjament jew fuq talba, informazzjoni u għarfien mal-Europol, mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ***u, għall-Istati Membri parteċipanti, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, b'mod speċjali għas-suspett ta' frodi tal-VAT 'il fuq minn ċertu ammont.*** Dan jippermetti li l-uffiċjali ta' kollegament

tassew iwettqu l-attivitajiet ta' frodi tal-VAT.

tal-Eurofisc jirċievu dejta u għarfien miżmuma mill-Europol u mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi sabiex jiġu identifikati dawk li tassew iwettqu l-attivitajiet ta' frodi tal-VAT.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament

#### Premessa 15

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-organizzazzjoni tat-trażmissjoni tat-talbiet għal rifużjonijiet tal-VAT — skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE, toffri l-opportunità li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti biex jirkupraw ***djun tal-VAT*** mhux imħallsa fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

---

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor (ĠU L 44, 20.2.2008, p. 23).

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Premessa 16

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra l-frodi ***serja*** transfruntiera tal-VAT, jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jikkomunikaw lil dak l-uffiċċju, inkluż permezz tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc, informazzjoni dwar l-aktar reati

##### *Emenda*

(15) L-organizzazzjoni tat-trażmissjoni tat-talbiet għal rifużjonijiet tal-VAT — skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE toffri l-opportunità li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti biex jirkupraw ***obbligazzjonijiet ta' taxxa*** mhux imħallsa fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

---

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor (ĠU L 44, 20.2.2008, p. 23).

##### *Emenda*

(16) Biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra l-frodi transfruntiera ***serja*** tal-VAT, jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jikkomunikaw ***fi żmien utli*** lil dak l-uffiċċju, inkluż permezz tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc, informazzjoni dwar l-aktar reati serji tal-



serji tal-VAT kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup>.

VAT kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup>.

---

<sup>36</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

---

<sup>36</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Il-Kummissjoni **jista'** jkollha aċċess **biss** għall-informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 meta dan ikun meħtieġ għall-kura, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi ospitati mill-Kummissjoni u użati mill-Istati Membri għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(18) Il-Kummissjoni **jenħtieġ li** jkollha aċċess għall-informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 meta dan ikun meħtieġ għall-kura, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi ospitati mill-Kummissjoni u użati mill-Istati Membri għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, **u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq żjarat fl-Istati Membri biex tevalwa kif jaħdmu l-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva.**

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 19

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li jitqiesu l-limitazzjonijiet ta' ċerti drittijiet u obbligi stabbiliti bir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup>, biex jitħarsu l-interessi msemmija fl-Artikolu 23(1)(e) ta'

#### *Emenda*

(19) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li jitqiesu l-limitazzjonijiet ta' ċerti drittijiet u obbligi stabbiliti bir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup>, biex jitħarsu l-interessi msemmija fl-Artikolu 23(1)(e) ta'

dak ir-Regolament. Dawn il-limitazzjonijiet huma meħtieġa u proporzjonali meta jitqies it-telf ta' dħul potenzjali għall-Istati Membri u l-importanza kruċjali li din l-informazzjoni ssir disponibbli sabiex il-ġlieda kontra l-frodi tkun effettiva.

dak ir-Regolament. Dawn il-limitazzjonijiet huma meħtieġa u proporzjonali meta jitqies it-telf ta' dħul potenzjali għall-Istati Membri u l-importanza kruċjali li din l-informazzjoni ssir disponibbli sabiex il-ġlieda kontra l-frodi tkun effettiva. ***Jenħtieġ li limitazzjonijiet bħal dawn, madankollu, ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv u dawn iridu jilhqqu l-istandards għoljin meħtieġa mill-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, kwalunkwe att ta' implimentazzjoni futur għal dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u Council.***<sup>37a</sup>

---

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

---

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>37a</sup> ***Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).***

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(20a) Fid-dawl tan-numru iżgħir ta' Stati Membri li jippubblikaw stimi ta' telf tal-***

*VAT minħabba frodi intrakomunitarja, id-disponibbiltà ta' dejta komparabbli dwar frodi intrakomunitarja tal-VAT se tikkontribwixxi għal kooperazzjoni mmirata aħjar bejn l-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa approċċ statistiku komuni biex jikkwantifikaw u janalizzaw il-frodi tal-VAT.*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 7 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. *It-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi talba motivata għal inkjesta amministrattiva speċifika. L-awtorità rikjesta għandha twettaq l-inkjesta amministrattiva flimkien mal-awtorità rikjedenti. Jistgħu jintużaw l-għodod u l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 28 sa 30 ta' dan ir-Regolament. Jekk l-awtorità rikjesta tkun tal-fehma li mhi meħtieġa l-ebda inkjesta amministrattiva, din għandha tinforma minnufih lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet għal dan.*

*Minkejja l-ewwel subparagrafu, inkjesta dwar l-ammonti ddikjarati minn persuna taxxabbli stabbilita fl-Istat Membru tal-awtorità rikjesta u li jkunu taxxabbli fl-Istat Membru tal-awtorità rikjedenti, tista' tiġi rifjutata biss:*

*Emenda*

4. *Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tqis li jkun hemm bżonn li ssir inkjesta amministrattiva, hija għandha tippreżenta talba motivata. L-awtorità rikjesta ma għandhiex tirrifjuta li twettaq din l-investigazzjoni. Jekk l-informazzjoni tkun diġà disponibbli, l-awtorità rikjesta għandha tipprovdha mingħajr dewmien lill-awtoritajiet rikjedenti. Jekk l-Istat Membru rikjedenti ma jkunx sodisfatt bl-informazzjoni li jirċievi, għandu jinforma lill-Istat Membru rikjest biex jipproċedi bl-inkjesta amministrattiva.*

*Din l-inkjesta amministrattiva għandha titwettaq skont ir-regoli fis-seħħ fl-Istat Membru rikjest mill-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti u dawk tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti għandhom jeżerċitaw l-istess setgħat ta' kontroll bħal dawk mogħtija lill-uffiċjali tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti għandu jkollhom, b'mod partikolari, aċċess għall-istess bini u dokumenti bħall-uffiċjali tal-awtorità rikjesta għall-fini uniku li titwettaq l-inkjesta amministrattiva.*

*(a) għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 54(1), iwwalutati mill-awtorità rikjesta skont id-dikjarazzjoni tal-aħjar prattiki dwar l-interazzjoni ta' dan il-paragrafu u l-Artikolu 54(1), li għandha tiġi adottata skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2);*

*(b) għar-raġunijiet previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 54;*

*(c) għar-raġunijiet li l-awtorità rikjesta tkun diġà pprovdiet lill-awtorità rikjedenti bl-informazzjoni dwar l-istess persuna taxxabli, bħala riżultat ta' inkjesta amministrattiva mwettqa inqas minn sentejn qabel.*

*Meta l-awtorità rikjesta tirrifjuta inkjesta amministrattiva msemmija fit-tieni subparagrafu għar-raġunijiet stabbiliti fil-punti (a) jew (b), hija għandha xorta waħda tipprovi lill-awtorità rikjedenti bid-dati u bl-ammonti ta' kull provvista rilevanti magħmula mill-persuna taxxabli fl-Istat Membru tal-awtorità rikjedenti matul l-aħħar sentejn.*

*Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' mill-inqas żewġ Stati Membri jqisu li hemm bżonn li ssir inkjesta amministrattiva, l-awtorità rikjesta ma għandhiex tirrifjuta li twestaq din l-inkjesta. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti bejn dawk l-awtoritajiet rikjedenti u l-awtorità rikjesta li permezz tagħhom l-uffiċjali awtorizzati mill-awtoritajiet rikjedenti għandhom jieħdu sehem f'inkjesta amministrattiva mwettqa fit-territorju tal-awtorità rikjesta bil-għan li jiġbru l-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu. Din l-inkjesta amministrattiva għandha titwestaq b'mod konġunt mill-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti u tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtoritajiet rikjedenti għandhom jeżerċitaw l-istess setgħat ta' kontroll bħal dawk mogħtija lill-uffiċjali tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtoritajiet rikjedenti għandu jkollhom aċċess għall-istess bini u dokumenti bħall-*

**uffiċjali tal-awtorità rikjesta għall-fini uniku li titwettaq l-inkjesta amministrattiva.**

### *Ġustifikazzjoni*

*L-UE għandu jkollha mekkaniżmi ta' kontroll effikaċi. Għaldaqstant huwa importanti li Stat Membru wieħed jitħalla jitlob li ssir inkjesta amministrattiva u li jipparteċipa fiha. L-uffiċjali tal-Istat rikjedenti ta' spiss ikunu jafu l-aħjar il-fajl u għalhekk huwa essenzjali li jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fl-ispezzjoni, filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli tad-dritt nazżjonali tal-pajjiż ikkonċernat.*

### **Emenda 11**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

***It-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi talba motivata għal inkjesta amministrattiva **speċifika**. L-awtorità rikjesta **għandha** twettaq l-inkjesta **amministrattiva flimkien mal-awtorità** rikjedenti. **Jistgħu jintużaw l-għodod u l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 28 sa 30 ta' dan ir-Regolament. Jekk l-awtorità rikjesta tkun tal-fehma li mhi meħtieġa l-ebda inkjesta amministrattiva, din għandha tinforma minnufih lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet għal dan.*****

*Emenda*

***Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tqis li jkun hemm bżonn li ssir inkjesta amministrattiva, **hija għandha tippreżenta talba motivata**. L-awtorità rikjesta **ma tistax tirrifjuta li twettaq din l-inkjesta u, jekk l-informazzjoni tkun diġà disponibbli, għandha ttipprovdiha mingħajr dewmien lill-awtoritajiet** rikjedenti. **Jekk l-Istat Membru rikjedenti ma jkunx sodisfatt bl-informazzjoni li jirċievi, għandu jinforma lill-Istat Membru rikjest biex ikompli l-inkjesta amministrattiva. Din l-inkjesta amministrattiva għandha titwettaq skont ir-regoli fis-seħħ fl-Istat Membru rikjest mill-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti u dawk tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtoritajiet rikjedenti għandhom jeżerċitaw l-istess setgħat ta' kontroll bħal dawk mogħtija lill-uffiċjali tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti għandu jkollhom, b'mod partikolari, aċċess għall-istess bini u dokumenti bħall-uffiċjali tal-awtorità rikjesta għall-fini uniku li titwettaq l-inkjesta amministrattiva.*****

## Ġustifikazzjoni

*Fil-kuntest tal-iżvilupp tal-mini-one-stop-shop, parti sostanzjali mill-VAT tal-Istati se tinġabar fi Stati Membri oħrajn. Għaldaqstant huwa essenzjali li l-UE jkollha mekkaniżmi ta' kontroll effikaċi. Għaldaqstant qed jiġi propost li Stat Membru wieħed jitħalla jitlob li ssir inkjesta amministrattiva u li jipparteċipa fiha. L-uffiċjali tal-Istat rikjedenti jkunu jafu l-aħjar il-fajl u għalhekk huwa essenzjali li jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fl-ispezzjoni, filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli tad-dritt tal-pajjiż ikkonċernat.*

### Emenda 12

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta ***l-awtoritajiet*** kompetenti ta' ***mill-inqas żewġ Stati Membri jqisu*** li hemm bżonn li ssir inkjesta amministrattiva, l-awtorità rikjesta ma ***għandhiex*** tirrifjuta li twettaq ***din l-inkjesta***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti bejn ***dawk l-awtoritajiet*** rikjedenti u l-awtorità rikjesta li permezz tagħhom l-uffiċjali awtorizzati ***mill-awtoritajiet*** rikjedenti għandhom jieħdu sehem f'inkjesta amministrattiva mwettqa fit-territorju tal-awtorità rikjesta bil-għan li jiġbru l-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu. Din l-inkjesta amministrattiva għandha titwettaq b'mod konġunt mill-uffiċjali ***tal-awtorità*** rikjedenti u ***tal-awtorità rikjesta***. L-uffiċjali ***tal-awtoritajiet*** rikjedenti ***għandhom jeżerċitaw l-istess setgħat ta' kontroll bħal dawk mogħtija lill-uffiċjali tal-awtorità rikjesta***. L-uffiċjali ***tal-awtoritajiet*** rikjedenti ***għandu jkollhom aċċess għall-istess bini u dokumenti bħall-uffiċjali tal-awtorità rikjesta għall-fini uniku li titwettaq l-inkjesta amministrattiva***.

#### *Emenda*

Meta ***l-awtorità*** kompetenti ta' ***Stat Membru tqis*** li ***jkun*** hemm bżonn li ssir inkjesta amministrattiva, ***hija għandha tippreżenta talba debitament motivata***. L-awtorità rikjesta ma ***tistax*** tirrifjuta li twettaq ***l-inkjesta kkonċernata u, jekk l-informazzjoni tkun diġà disponibbli, l-awtorità rikjesta għandha tipprovdiha mingħajr dewmien lill-awtoritajiet rikjedenti qabel kwalunkwe talba***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti bejn ***l-awtorità*** rikjedenti u l-awtorità rikjesta li permezz tagħhom l-uffiċjali awtorizzati ***mill-awtorità*** rikjedenti għandhom jieħdu sehem f'inkjesta amministrattiva mwettqa fit-territorju tal-awtorità rikjesta bil-għan li jiġbru l-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu. Din l-inkjesta amministrattiva għandha titwettaq b'mod konġunt mill-uffiċjali ***tal-awtoritajiet*** rikjedenti u ***tal-awtoritajiet rikjesti bi spirtu kooperattiv u produttiv***. L-uffiċjali ***tal-awtorità*** rikjedenti ***għandu jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni, dokumenti u bini u għandhom, sa fejn dan huwa permess mil-liġi tal-Istat Membru rikjest, ikunu jistgħu jinterrogaw direttament individwi sabiex jidentifikaw u jiġġieldu l-frodi transfruntiera tal-VAT***

*li bħalissa qed tippreġudika l-bażijiet ta' taxxa nazzjonali.*

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 12a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**

**"Artikolu 12a**

***L-Istati Membri kollha għandhom jimplimentaw sett ta' miri operazzjonali għat-tnaqqis tal-perċentwal ta' tweġibiet tard u għat-titjib tal-kwalità tat-talbiet għal informazzjoni u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dawk il-miri."***

### **Emenda 14**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 13 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-informazzjoni għandha tintbagħat ***permezz ta'*** formoli standard jew ***b'mezzi*** oħra li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi jqisu xierqa. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-formoli standard permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2);

3. L-informazzjoni għandha tintbagħat ***billi jintużaw*** formoli standard jew ***mezzi*** oħra li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi jqisu xierqa. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-formoli standard permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2);

### **Emenda 15**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

*Test fis-seħħ*

"Stat Membru jista' jastjeni milli jieħu sehem fl-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni rigward kategorija waħda jew aktar meta l-ġbir ta' informazzjoni għal tali skambju jkun jeħtieġ l-impożizzjoni ta' obbligi **ġodda** fuq persuni soġġetti għall-VAT jew ikun jimponi piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-Istat Membru."

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**  
Regolament (UE) Nru 904/2010  
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) l-informazzjoni dwar l-istatus ta' persuna taxxabli ċertifikata skont l-Artikolu 13a tad-Direttiva 2006/112/KE, kif ukoll id-data li fiha jkun inġhata, ikun ġie rifjutat jew ikun ġie rtirat dak l-istatus.

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**  
Regolament (UE) Nru 904/2010  
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

"(f) l-informazzjoni li jiġbor skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, kif ukoll il-pajjiż tal-orijini, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-

*Emenda*

**(2a) fl-Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"Stat Membru jista' jastjeni milli jieħu sehem fl-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni rigward kategorija waħda jew aktar meta l-ġbir ta' informazzjoni għal tali skambju jkun jeħtieġ l-impożizzjoni ta' obbligi **sproporzjonati** fuq persuni soġġetti għall-VAT jew ikun jimponi piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-Istat Membru."

*Emenda*

*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

*Emenda*

"(f) l-informazzjoni li jiġbor skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, kif ukoll il-pajjiż tal-orijini, **id-dejta li tidentifika l-**



kodiċi tal-prodott, il-munita, l-ammont totali, ir-rata tal-kambju, **il-prezzijiet tal-oġġetti individwali** u l-piż nett.";

**esportatur**, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-kodiċi tal-prodott, il-munita, l-ammont totali, ir-rata tal-kambju, **il-prezz tal-artiklu** u l-piż nett.";

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 17 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kategoriji **eżatti** ta' informazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2).;

#### *Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kategoriji **speċifiċi li jridu jiġu inklużi fil-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-ġoti** ta' informazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2).

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 1a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1a. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-uffiċjali tiegħu li jivverifikaw ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu (17)(1) ta' dan ir-Regolament li għalihom jingħata aċċess awtomatizzat mill-Istati Membri l-oħra.;

#### *Emenda*

1a. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-uffiċjali tiegħu li jivverifikaw ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu (17)(1) ta' dan ir-Regolament, **inkluż l-aċċess għar-reġistru li juri l-lista ta' persuni taxxabbli ċċertifikati**, li għalihom jingħata aċċess awtomatizzat mill-Istati Membri l-oħra;

## Emenda 20

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b – punt i

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt e – punt i

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) l-aċċess huwa marbut ma' investigazzjoni dwar suspett ta' frodi jew biex jiġu individwati jew identifikati *dawk li jwettqu* frodi;

#### *Emenda*

(i) l-aċċess huwa marbut ma' investigazzjoni dwar suspett ta' frodi jew biex jiġu individwati jew identifikati *l-awturi ta' frodi u ta' kondotta ħażina serja*;

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b – punt i

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt e – punt ii

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) l-aċċess jingħata permezz ta' uffiċjal ta' kollegament tal-Eurofisc, kif imsemmi fl-Artikolu 36(1) li jkollu identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu l-aċċess għal din l-informazzjoni.;

#### *Emenda*

(ii) l-aċċess jingħata permezz ta' uffiċjal ta' kollegament tal-Eurofisc, kif imsemmi fl-Artikolu 36(1) li jkollu identifikazzjoni personali tal-utent għas-sistemi elettroniċi li jippermettu l-aċċess għal din l-informazzjoni *u għar-reġistru li juri l-lista ta' persuni taxxabbli ċċertifikati*;

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 2a – subparagrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1)(f), minn tal-inqas *id-dettalji* li *għejjin għandhom ikunu* aċċessibbli:

#### *Emenda*

Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1)(f), minn tal-inqas *l-informazzjoni* li *għejja għandha tkun* aċċessibbli:

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 2a – subparagrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġa mill-Istat Membru li qed jirċievi l-informazzjoni;

#### *Emenda*

(a) in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġa mill-Istat Membru li qed jirċievi l-informazzjoni, ***u r-reġistru li juri l-lista ta' persuni taxxabbli ċċertifikati;***

## Emenda 24

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 2a – subparagrafu 1 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-kodiċi tal-prodott, il-munita, l-ammont totali, ir-rata tal-kambju, ***il-prezzijiet tal-oġġetti individwali*** u l-piż nett tal-oġġetti importati segwiti bi provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti minn kull persuna msemmija fil-punt (b) għal kull persuna li għandha numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fil-punt (a);

#### *Emenda*

(c) il-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-kodiċi tal-prodott, il-munita, l-ammont totali, ir-rata tal-kambju, ***il-prezz tal-artiklu*** u l-piż nett tal-oġġetti importati segwiti bi provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti minn kull persuna msemmija fil-punt (b) għal kull persuna li għandha numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fil-punt (a);

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 2a – subparagrafu 1 – punt d – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

il-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-kodiċi tal-prodott, il-munita, l-ammont totali, ir-rata tal-kambju, ***il-prezzijiet tal-oġġetti individwali*** u l-piż

#### *Emenda*

il-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-kodiċi tal-prodott, il-munita, l-ammont totali, ir-rata tal-kambju, ***il-prezz tal-artiklu*** u l-piż nett tal-oġġetti

nett tal-oġġetti importati segwiti bi provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti minn kull persuna msemmija fil-punt (b) għal kull persuna li għandha numru ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġ minn Stat Membru ieħor skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

importati segwiti bi provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti minn kull persuna msemmija fil-punt (b) għal kull persuna li għandha numru ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġ minn Stat Membru ieħor skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

## Emenda 26

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 2a – subparagrafu 1 – punt d – punt i

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) l-aċċess huwa marbut ma' investigazzjoni dwar suspett ta' frodi jew biex jiġu individwati jew identifikati ***dawk li jwettqu*** frodi;

#### *Emenda*

(i) l-aċċess huwa marbut ma' investigazzjoni dwar suspett ta' frodi jew biex jiġu individwati jew identifikati ***l-awturi ta' frodi u ta' kondotta ħażina serja***;

## Emenda 27

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt i

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) l-aċċess huwa marbut ma' investigazzjoni dwar suspett ta' frodi jew biex jiġu individwati jew identifikati ***dawk li jwettqu*** frodi;

#### *Emenda*

(i) l-aċċess huwa marbut ma' investigazzjoni dwar suspett ta' frodi jew biex jiġu individwati jew identifikati ***l-awturi ta' frodi u ta' kondotta ħażina serja***;

## Emenda 28

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 28 – paragrafu 2a

"2a. Bi ftehim bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rikjesta, u skont l-arranġamenti stabbiliti minn din tal-aħħar, l-uffiċjali awtorizzati mill-awtorità rikjedenti jistgħu, bil-għan li jiġbru u jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, jieħdu sehem fl-inkjesti amministrattivi mwettqa fit-territorju tal-Istat Membru rikjest. Dawn l-inkjesti amministrattivi għandhom jitwettqu b'mod konġunt mill-uffiċjali **tal-awtorità rikjedenti u tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti għandhom jeżerċitaw l-istess setgħat ta' kontroll bħal dawk mogħtija lill-uffiċjali** tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtoritajiet rikjedenti għandu jkollhom aċċess għall-istess bini u dokumenti bħall-uffiċjali tal-awtorità rikjesta għall-fini uniku li titwettaq l-inkjesta amministrattiva. Bi ftehim bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rikjesta, u skont l-arranġamenti stabbiliti mill-awtorità rikjesta, **iż-żewġ awtoritajiet** jistgħu jabbozzaw rapport ta' awditu komuni.";

"2a. Bi ftehim bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rikjesta, u skont l-arranġamenti stabbiliti minn din tal-aħħar, l-uffiċjali awtorizzati mill-awtorità rikjedenti jistgħu, bil-għan li jiġbru u jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, jieħdu sehem fl-inkjesti amministrattivi mwettqa fit-territorju tal-Istat Membru rikjest. Dawn l-inkjesti amministrattivi għandhom jitwettqu b'mod konġunt **bi spirtu ta' fiduċja reċiproka u kooperazzjoni produttiva** mill-uffiċjali **tal-awtoritajiet rikjedenti u tal-awtoritajiet rikjesti, filwaqt li jiġu rispettati l-prattiki amministrattivi ta' dawk l-awtoritajiet u l-liġi nazzjonali tal-Istat Membru** tal-awtorità rikjesta **sabiex tiġi miġġielda l-frodi transfruntiera tal-VAT**. L-uffiċjali tal-awtoritajiet rikjedenti għandu jkollhom aċċess għall-istess bini u dokumenti bħall-uffiċjali tal-awtorità rikjesta għall-fini uniku li titwettaq l-inkjesta amministrattiva. Bi ftehim bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rikjesta, u skont l-arranġamenti stabbiliti mill-awtorità rikjesta, **l-awtoritajiet parteċipanti** jistgħu jabbozzaw rapport ta' awditu komuni.";

## Emenda 29

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 33 – paragrafu 1

1. Sabiex tiġi promossa u ffaċilitata l-kooperazzjoni multilaterali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, dan il-Kapitolu jistabbilixxi netwerk għall-iskambju, l-iż-żewġ awtoritajiet jistgħu jipproċessar u l-analiżi fil-pront ta' informazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri u **l-koordinazzjoni** ta' kull azzjoni

1. Sabiex tiġi promossa u ffaċilitata l-kooperazzjoni multilaterali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, dan il-Kapitolu jistabbilixxi netwerk għall-iskambju, l-iż-żewġ awtoritajiet jistgħu jipproċessar u l-analiżi fil-pront ta' informazzjoni mmirata **dwar skemi ta' frodi transfruntiera** bejn l-Istati Membri u **għall-koordinazzjoni** ta' kull azzjoni ta'

ta' segwitu ("Eurofisc").

segwitu ("Eurofisc").

### Emenda 30

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b – punt i

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) iwettqu u jikkoordinaw l-iskambju multilaterali fil-pront u l-ipproċessar u l-analiżi konġunti ta' informazzjoni mmirata fl-oqsma ta' ħidma li fihom topera l-Eurofisc ("l-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc");

#### *Emenda*

(b) iwettqu u jikkoordinaw l-iskambju multilaterali fil-pront u l-ipproċessar u l-analiżi konġunti ta' informazzjoni mmirata **dwar skemi ta' frodi transfruntiera** fl-oqsma ta' ħidma li fihom topera l-Eurofisc ("l-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc");

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b – punt ii

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) jikkoordinaw l-inkjesti amministrattivi tal-Istati Membri parteċipanti dwar **il-persuni ssuspettati bi frodi u dawk li jwettqu l-frodi identifikati** mill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc kif imsemmi fl-Artikolu 36(1).

#### *Emenda*

(d) jikkoordinaw l-inkjesti amministrattivi tal-Istati Membri parteċipanti dwar **il-frodi identifikata** mill-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc kif imsemmi fl-Artikolu 36(1).

### Emenda 32

#### Proposta għal regolament

##### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 34 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri li jkun għażlu li jieħdu sehem f'qasam ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jipparteċipaw b'mod

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri li jkun għażlu li jieħdu sehem f'qasam ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jipparteċipaw b'mod

attiv fl-iskambju multilaterali u l-iproċessar u l-analiżi konġunti ta' informazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri parteċipanti kollha u fil-koordinazzjoni ta' kull azzjoni ta' segwitu.

attiv fl-iskambju multilaterali u l-iproċessar u l-analiżi konġunti ta' informazzjoni mmirata **dwar skemi ta' frodi transfruntiera** bejn l-Istati Membri parteċipanti kollha u fil-koordinazzjoni ta' kull azzjoni ta' segwitu.

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 35 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-Eurofisc **b'appoġġ** tekniku u loġistiku. Il-Kummissjoni **ma għandux ikollha** aċċess għall-informazzjoni msemija fl-Artikolu 1, li tista' tiġi skambjata fil-Eurofisc **għajr** fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikolu 55(2).";

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-Eurofisc **bl-appoġġ** tekniku u loġistiku **meh̄tieġ**. Il-Kummissjoni **għandu jkollha** aċċess għall-informazzjoni msemija fl-Artikolu 1, li tista' tiġi skambjata fil-Eurofisc, fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikolu 55(2).;

### Emenda 34

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 36 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba, jgħaddu **xi informazzjoni miġbura u proċessata** lill-Europol u lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("OLAF"), kif maqbul mill-parteċipanti fl-oqsma ta' ħidma.

#### *Emenda*

3. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba, jgħaddu **informazzjoni rilevanti dwar l-aktar reati transfruntiera serji fir-rigward tal-VAT** lill-Europol u lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi ("OLAF"), kif maqbul mill-parteċipanti fl-oqsma ta' ħidma.

### Emenda 35

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jqiegħdu l-informazzjoni li tasal mingħand il-Europol u l-OLAF għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti l-oħra tal-Eurofisc; din l-informazzjoni għandha tiġi skambjata b'mezzi elettroniċi.

*Emenda*

4. ***Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc jistgħu jsaqsu lill-Europol u lill-OLAF għal informazzjoni rilevanti.*** Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jqiegħdu l-informazzjoni li tasal mingħand il-Europol u l-OLAF għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti l-oħra tal-Eurofisc; din l-informazzjoni għandha tiġi skambjata b'mezzi elettroniċi.

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li jkun previst skambju ta' informazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet bejn il-Eurofisc u l-Europol.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16**

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-Istat Membru ta' stabbiliment isir jaf li persuna taxxabli li tagħmel talba għal rifużjoni tal-VAT skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/9/KE, għandha obbligazzjonijiet tal-VAT mhux ikkontestati f'dak l-Istat Membru ta' stabbiliment, dan ***jista'*** jinforma lill-Istat Membru tar-rifużjoni b'dawk l-obbligazzjonijiet biex l-Istat Membru tar-rifużjoni jitlob il-kunsens tal-persuna taxxabli għat-trasferiment tar-rifużjoni tal-VAT direttament lill-Istat Membru ta' stabbiliment biex jiġu rilaxxati l-obbligazzjonijiet pendenti tal-VAT. Meta l-persuna taxxabli tagħti l-kunsens għal dan it-trasferiment, l-Istat Membru tar-rifużjoni, f'isem il-persuna taxxabli, għandu jittrasferixxi dan l-ammont lill-Istat

*Emenda*

Meta l-Istat Membru ta' stabbiliment isir jaf li persuna taxxabli li tagħmel talba għal rifużjoni tal-VAT skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/9/KE, għandha obbligazzjonijiet tal-VAT mhux ikkontestati f'dak l-Istat Membru ta' stabbiliment, dan ***għandu*** jinforma lill-Istat Membru tar-rifużjoni b'dawk l-obbligazzjonijiet biex l-Istat Membru tar-rifużjoni jitlob il-kunsens tal-persuna taxxabli għat-trasferiment tar-rifużjoni tal-VAT direttament lill-Istat Membru ta' stabbiliment biex jiġu rilaxxati l-obbligazzjonijiet pendenti tal-VAT. Meta l-persuna taxxabli tagħti l-kunsens għal dan it-trasferiment, l-Istat Membru tar-rifużjoni, f'isem il-persuna taxxabli, għandu jittrasferixxi dan l-ammont lill-Istat



Membru ta' stabbiliment sa fejn ikun meħtieġ biex jiġu rilaxxati l-obbligazzjonijiet pendenti tal-VAT. L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jinforma lill-persuna taxxabbli jekk l-ammont trasferit jammontax għar-rilaxx sħiħ jew parzjali tal-obbligazzjonijiet tal-VAT fi żmien **15-il ġurnata** mill-wasla tat-trasferiment mill-Istat Membru tar-rifużjoni.

Membru ta' stabbiliment sa fejn ikun meħtieġ biex jiġu rilaxxati l-obbligazzjonijiet pendenti tal-VAT. L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jinforma lill-persuna taxxabbli jekk l-ammont trasferit jammontax għar-rilaxx sħiħ jew parzjali tal-obbligazzjonijiet tal-VAT fi żmien **10 ijiem xogħol** mill-wasla tat-trasferiment mill-Istat Membru tar-rifużjoni.

## **Emenda 37**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 49 – paragrafu 2a – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri jistgħu jikkomunikaw lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, kull informazzjoni disponibbli dwar reati kontra s-sistema komuni tal-VAT sabiex ikun jista' jqis azzjoni xierqa skont il-mandat tiegħu.";

#### *Emenda*

***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36(3)***, l-Istati Membri jistgħu jikkomunikaw lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, kull informazzjoni disponibbli dwar reati kontra s-sistema komuni tal-VAT sabiex ikun jista' jqis azzjoni xierqa skont il-mandat tiegħu.";

## **Emenda 38**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 49a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(18a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

#### ***"Artikolu 49a***

***L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jistabbilixxu sistema komuni tal-ġbir tal-istatistika dwar frodi tal-VAT intrakomunitarja u jippubblikaw l-istimi nazzjonali tat-telf tal-VAT minħabba din il-frodi, kif ukoll l-istimi għall-Unjoni***

*kollha. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-arranġamenti prattiċi għal din is-sistema statistika. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2).";*

## Emenda 39

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18b (ġdid)

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 50 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18b) Fl-Artikolu 50, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*"1a. Meta Stat Membru jipprovdi informazzjoni aktar ġenerali lil pajjiż terz minn dik prevista fil-Kapitoli II u III ta' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru ma jistax jirrifjuta li jipprovdi dik l-informazzjoni lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jkun qed jitlob kooperazzjoni jew li jkollu interess li jirċeviha."*

## Emenda 40

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 55 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-persuni debitament akkreditati mill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà tal-Kummissjoni *jista'* jkollhom aċċess *biss* għal din l-informazzjoni meta dan ikun meħtieġ għall-kura, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi ospitati mill-Kummissjoni u użati mill-Istati Membri biex jimplimentaw dan ir-Regolament;

2. Il-persuni debitament akkreditati mill-Awtorità ta' Akkreditament ta' Sigurtà tal-Kummissjoni *għandu* jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni meta dan ikun meħtieġ għall-kura, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi ospitati mill-Kummissjoni u użati mill-Istati Membri biex jimplimentaw *dan ir-Regolament, u biex tiġi żgurata l-*

## Emenda 41

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt b

Regolament (UE) Nru 904/2010

Artikolu 55 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Kull ħażna, ipproċessar jew skambju ta' informazzjoni msemija f'dan ir-Regolament hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(\*). Madankollu għall-fini tal-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u tad-drittijiet previsti fl-Artikoli 12 sa 22 u l-Artikoli 5 u 34 tar-Regolament (UE) 2016/679 sal-limitu meħtieġ biex jiġiharsu l-interessi msemija fl-Artikolu 23(1)(e) ta' dak ir-Regolament. L-ipproċessar u l-ħżin tal-informazzjoni msemija f'dan ir-Regolament għandhom ***jitwettqu*** biss għall-finijiet imsemija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament u l-perjodi ta' ħżin ta' din l-informazzjoni għandhom ikunu limitati sakemm ikun meħtieġ biex jintlaħqu dawk il-finijiet."

#### *Emenda*

5. Kull ħażna, ipproċessar jew skambju ta' informazzjoni msemija f'dan ir-Regolament hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(\*). Madankollu għall-fini tal-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u tad-drittijiet previsti fl-Artikoli 12 sa 22 u l-Artikoli 5 u 34 tar-Regolament (UE) 2016/679 sal-limitu meħtieġ biex jiġiharsu l-interessi msemija fl-Artikolu 23(1)(e) ta' dak ir-Regolament. L-ipproċessar u l-ħżin tal-informazzjoni msemija f'dan ir-Regolament għandhom ***jiġu approvati*** biss għall-finijiet imsemija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament u l-perjodi ta' ħżin ta' din l-informazzjoni għandhom ikunu limitati sakemm ikun meħtieġ biex jintlaħqu dawk il-finijiet.";

## NOTA SPJEGATTIVA

Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) hija sors importanti ta' dħul mit-taxxa għall-Istati Membri. Madankollu l-pajjiżi qed jitilfu minn dak id-dħul minħabba frodi. Fil-kuntest tal-VAT, il-frodi tat-taxxa transfruntiera hija waħda mill-problemi ewlenin li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri. Is-sistema attwali tat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri ma tistax tlaħħaq mal-veloċità dejjem akbar tal-ekonomija.

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tissaħħa il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġu meħjuna jiġġieldu l-frodi tal-VAT b'mod aktar faċli, rapidu u effiċjenti. Madankollu, kien hemm bżonn ta' xi titjib.

Ir-Rapporteur jemmen li l-proposta leġislattiva teħtieġ issib bilanċ ġust bejn it-talbiet għal informazzjoni u l-analiżi tagħha minn naħa u l-protezzjoni tad-data u l-privatezza min-naħa l-oħra. B'hekk, ġew introdotti diversi emendi li l-għan tagħhom huwa li jiġu definiti b'mod aktar ċar il-konfini operattivi tal-Eurofisc kif ukoll l-ipproċessar u l-użu ta' informazzjoni mill-awtoritajiet. Ġew introdotti r-riferimenti għal-leġislazzjoni rilevanti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data.

Bl-istess mod, il-proposta għet imtejba sabiex jintlaħaq bilanċ aħjar bejn l-interessi u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet rikjedenti u dawk rikjesti. Mingħajr ma għet imminata l-kapaċità tal-awtoritajiet rikjedenti biex iniedu inkjesti amministrattivi, id-drittijiet tal-awtoritajiet rikjesti issa huma definiti aktar. Barra minn hekk, mekkaniżmu aktar simplifikat dwar kif l-Istati Membri jittrattaw l-obbligazzjonijiet pendenti tal-VAT ġie introdott. Minħabba l-iżvilupp tal-fajl rispettiv, ir-Rapporteur ħassar id-dispożizzjonijiet relatati mal-persuna taxxabli ċertifikata.

B'emendi zġhar oħra, ir-Rapporteur ħadem biex ikompli jtejjeb u jiċċara l-ispirtu tal-proposta.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Proposta emendata għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 rigward miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud	
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0706 – C8-0441/2017 – COM(2017)0567 – C8-0362/2017 – 2017/0248(CNS)	
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	23.10.2017	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 26.10.2017	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 26.10.2017	
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	JURI 20.11.2017	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Roberts Zīle 14.12.2017	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	16.5.2018	18.6.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.6.2018	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 51 - : 2 0 : 3	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gerolf Annemans, Burkhard Balz, Hugues Bayet, Pervenche Berès, David Coburn, Thierry Cornillet, Esther de Lange, Markus Ferber, Jonás Fernández, Sven Giegold, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Cătălin Sorin Ivan, Petr Ježek, Barbara Kappel, Georgios Kyrtos, Philippe Lamberts, Werner Langen, Olle Ludvigsson, Ivana Maletić, Fulvio Martusciello, Gabriel Mato, Alex Mayer, Bernard Monot, Caroline Nagtegaal, Luděk Niedermayer, Stanisław Ożóg, Sirpa Pietikäinen, Anne Sander, Alfred Sant, Martin Schirdewan, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Paul Tang, Ramon Tremosa i Balcells, Ernest Urtasun, Marco Valli, Miguel Viegas, Jakob von Weizsäcker, Marco Zanni	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrea Cozzolino, Ashley Fox, Doru-Claudian Frunzuličă, Syed Kamall, Alain Lamassoure, Thomas Mann, Luigi Morgano, Michel Reimon, Joachim Starbatty	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jens Gieseke, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Rupert Matthews	
<b>Data tat-tressiq</b>	22.6.2018	

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

51	+
ALDE	Thierry Cornillet, Petr Ježek, Caroline Nagtegaal, Ramon Tremosa i Balcells
ECR	Ashley Fox, Syed Kamall, Rupert Matthews, Stanisław Ożóg, Joachim Starbatty, Kay Swinburne
ENF	Barbara Kappel
GUE/NGL	Martin Schirdewan, Miguel Viegas
PPE	Burkhard Balz, Markus Ferber, Jens Gieseke, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Georgios Kyrtzos, Alain Lamassoure, Esther de Lange, Werner Langen, Ivana Maletić, Thomas Mann, Fulvio Martusciello, Gabriel Mato, Luděk Niedermayer, Sirpa Pietikäinen, Anne Sander, Theodor Dumitru Stolojan
S&D	Hugues Bayet, Pervenche Berès, Andrea Cozzolino, Jonás Fernández, Doru-Claudian Frunzuliță, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Cătălin Sorin Ivan, Olle Ludvigsson, Alex Mayer, Luigi Morgano, Alfred Sant, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Paul Tang, Jakob von Weizsäcker
VERTS/ALE	Sven Giegold, Philippe Lamberts, Michel Reimon, Ernest Urtasun

2	-
EFDD	David Coburn, Marco Valli

3	0
EFDD	Bernard Monot
ENF	Gerolf Annemans, Marco Zanni

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni